MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 268/2011

**Jonathan Cassar (Karta ta' l-Identità bin-Numru 24403L)**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Jonathan Cassar fis-7 ta' Dicembru 2011, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 17 ta' Novembru 2011, li biha cahad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-Licenzja ta' Gwardjan Privat, in kwantu nulla u bla effett fil-Ligi u konsegwentement jordna li tiggeddidlu l-Licenzja ta' Gwardjan Privat, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li kuntrarjament ghal dak minnu affermat fir-Rikors promotur kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni li ma il-Licenzja ta' Gwardjan Privat tar-Rikorrent ma tigix imgedda;

Sema' x-xhieda ta' Lawrence Scalpello moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012[1], ix-xhieda tar-Rikorrent[2], ta' Taddeo Cassar[3] u ta' Marisa Vella[4] ilkoll moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2012, ix-xhieda ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2012[5] u ra l-affidavit ta' l-Ispettur Fabian Fleri markat Dok. "FF1" a fol. 35 tal-process esebit mill-Kummissarju tal-Pulizija b'Nota pprezentata fil-11 ta' Gunju 2012;

Ra d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 17 ta' Novembru 2011[6], is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) v. Jonathan Cassar" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Marzu 2011[7] u l-fedina penali tar-Rikorrent[8];

Sema' it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

## Ikkonsidra:

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 17 ta' Novembru 2011 permezz ta' liema cahad it-talba tieghu ghat-tigdid tal-Licenzja ta' Gwardjan Privat a tenur ta' l-Artikolu 10(a) u (b) ta' l-Att XIII ta' l-1996, ossia l-Att dwar il-Gwardjani

---

1 Fol. 18 tal-process.
2 Fol. 23 u 24 tal-process.
3 Fol. 25 u 26 tal-process.
4 Fol. 27 tal-process.
5 Fol. 38 u 39 tal-process.
6 Fol. 30 tal-process.
7 Fol. 31 sa' 33 tal-process.
8 Fol. 36 u 37 tal-process.

Privati u Lokali. Ir-Rikorrenti jikkontendi li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija ngusta ghaliex ma hemm ebda raguni li hija fl-interess pubbliku li tiggustifika n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tieghu ta’ Gwardjan Privat u fi kwalunkwe kaz l-istess decizjoni hija nulla in kwantu nieqsa minn kull motivazzjoni jew raguni u b’hekk tmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali u l-principji tad-dritt. Jikkontendi wkoll li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta’ jirrifjuta li jgedded il-licenzja tieghu ta’ Gwardjan Privat in bazi ghall-kundanna imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bis-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Jonathan Cassar”, stante li b’dik is-sentenza huwa gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor ghal perijodu ta’ zmien impost fuqu minn dik il-Qortia tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema kundanna ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ma ghandhiex u ma tistax tiqties bhala sejbien ta’ htija. Jghid ukoll li fi kwalunkwe kaz dik il-kundanna turi li r-reati li ghalihom gie sentenzjat ma humiex ta’ serjetà u gravità tali li jiggustifikaw id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jgeddidlux il-licenzja tieghu ta'  ta’ Gwardjan Privat.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jopponi ghall-Appell interpost mir-Rikorrent u jiddefendi id-decizjoni li ma jilqax it-talba tieghu ghat-tigdid tal-Licenzja ta' Gwardjan billi jsostni li kien hemm ragunijiet validi u b’sahhithom bizzejjed li jiggustifikaw id-decizjoni tieghu.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mir-Rikorrent bit-tieni aggravju tieghu u cioè li *tali decizjoni li minnha nnifisha hija irragonevoli hija nieqsa minn kull motivazzjoni jew raguni, u kwindi nulla. Tali decizjoni hija wahda mhux konformi mal-precett tal-ligi u leziva tad-drittijiet ta’ l-esponent. Illi ghalhekk din id-decizjoni ma tirrispettax il-principji tal-gustizzja naturali u l-principji tad-dritt u kwindi hija nulla u bla bazi fil-ligi.*

Bl-ittra tas-17 ta’ Novembru 2011 il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lir-Rikorrent li *b’referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghat-tigdid tal-licenza ta’ Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi t-talba tieghek ma tistax*

*tigi milqugha skond l-artikolu 10(a) u (b) ta' l-Att XIII ta' l-1996.* Minn qari ta' din l-ittra ma jistax jinghad li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenzja ta' Gwardjan Privat hija ghal kollox nieqsa minn kull raguni ghaliex fiha hemm indikati b'mod generali l-artikoli tal-Ligi relattiva in bazi ghal liema t-talba tieghu giet michuda. Madanakollu però lanqas jista' jinghad li dik l-ittra tirrispetta fil-grad mehtieg il-provvediment tal-Ligi enuncjat fl-Artikolu 11 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *jekk il-Kummissarju jirrifjuta li johrog licenza lill-applikant biex jahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat, dan ghandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-decizjoni lill-applikant fejn* ***jaghtih ir-raguni ghal dak ir-rifjut. Izda f'kaz ta' rifjut taht l-Artikolu 10(b), ikun bizzejjed li jiddikjara li l-licenza tkun giet rifjutata fl-interess pubbliku***[9].

Filwaqt illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dak pretiz mir-Rikorrent li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif moghtija hija nulla u bla effett fil-Ligi, ma jistax però ma jigbidx l-attenzjoni ta' l-istess Kummissarju li fid-decizjonijiet tieghu ghandu jaghti indikazzjoni kemm xejn iktar cara tal-bazi fuq liema jkun qed jirrifjuta t-talba li ssirlu ghall-hrug jew tigdid ta' Licenzja tal-Gwardjan Privat. Dana jinghad kemm fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal ben sitt cirkostanzi fejn, jekk wahda jew iktar minnhom effettivament tirrizulta, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jichad talba ghall-hrug jew tigdid ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat kif ukoll fid-dawl tal-fatt li mill-Artikolu 11 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li f'kaz ta' cahda in bazi ghall-interess pubbliku ghad li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' ma jaghtix ragunijiet dettaljati ghandu però jiddikjara li jkun qed jirrifjuta tali talba fl-interess pubbliku.

Meta talba ghall-hrug jew tigdid ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat tigi michuda fuq wahda jew izjed mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jindika bi precizjoni liema minn dawn ic-cirkostanzi tkun effettivament wasslet ghac-

9 Sottolinear tat-Tribunal.

cahda tat-talba biex b'hekk l-applikant ikun f'posizzjoni ahjar jevalwa l-posizzjoni tieghu u jiddeciedi jekk hemmx lok o meno li dik id-decizjoni tigi appellata kif ghandu kull dritt li jaghmel. In kwantu rigwarda rifjut ibbazat fuq l-interess pubbliku, it-Tribunal hu tal-fehma li l-Kummissarju tal-Pulizija ma jkunx qed jissodisfa kompletament dak provdut fl-Artikolu 11 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta meta bhala raguni tar-rifjut jindika biss l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma jiddikjara b'mod espress li t-talba tkun qed tigi rifjutata in bazi ghall-interess pubbliku. Il-Kummissarju tal-Pulizija jrid japprezza li applikant ma jkunx persuna familjari mal-provvedimenti tal-Ligi u li meta jircievi komunika dwar id-decizjoni li tkun ittiehedet fir-rigward tat-talba tieghu mhux ser ikollu lill-konsulent legali tieghu ma' gembu biex jghidlu x'jfisser rifjut ibbazat fuq l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u huwa ghalhekk li l-Ligi stess tipprovdi li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jindika lill-applikant b'mod car li t-talba tieghu tkun qed tigi rifjutata fl-interess pubbliku.

Dawn l-osservazzjonijiet isibu konferma fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade u C.F. Forsyth (10th Edition) fejn jigi osservat illi *the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. … Given that statute now frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons*

*given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration … Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced* [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)][10].

Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv Ingliz ma hemmx dubju li japplika wkoll ghas-sistema nostrali u ghalkemm *reasons can be briefly stated* mill-awtorità pubblika koncernata u *decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of issues involved and arguments advanced*, xorta huwa desiderabbli li f'kaz ta' molteplicità ta' ragunijiet li jistghu jwasslu lill-awtorità ghad-decizjoni taghha, ir-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi debitament indikata.

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal ser jghaddi issa biex jezamina jekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenzja tieghu ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, hijiex gusta o meno.

---

[10] Chap.14 The Right to a Fair Hearing – pg. 436, 439 u 440.

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta’ l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi[11] jirrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija bbaza r-rifjut tieghu ghat-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-Licenzja ta’ Gwardjan Privat fuq l-Artikolu 10(a)(v) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi: *Il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f’kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta applikant jew xi ufficjal ta’ l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (v) tkun nstabet hatja f’Malta jew x’imkien iehor ta’ xi delitt kontra l-persuna jew kontra il-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi zmien hames snin minn meta jsir id-delitt*.

Mill-fedina penali tar-Rikorrent[12] tirrizulta kundanna fil-konfront tieghu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali pronuncjata fl-24 ta’ Marzu 2011 ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 325(1)(b), 221, 251B, 339(1) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Bhala fatt jirrizulta li r-Rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat talli: *nhar it-12 ta’ Mejju 2010, ghall-habta ta’ 23:15hrs gewwa Triq l-Iskola, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara f’vettura bin-numru JAE248 ta’ ghamla Hyundai Accent, liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euros (hamsin lira Maltija) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta’ Lawrence Grech u Clinto Grech; fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Clinto Grech skond kif iccertifikat Dr. K. Borg mill-Isptar Mater Dei; fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b’tali mod li kkaguna biza lil Clinton Grech u Andrea Celeste Scalpello li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b’ tali mgieba tieghu, ser tikkaguna lil haddiehor biza; fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Clinto Grech u Andrea Celeste Scalpello bi kliem; u fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied.* B' sentenza pronuncjata fl-24

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta’ Gunju 2012, fol. 38 u 39 tal-process.
[12] Dok. “SZA1” a fol. 36 u 37 tal-process.

ta' Marzu 2011[13], il-Qorti, in segwitu ghall-ammissjoni da parte tar-Rikorrent ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu, sabitu hati ta' tali akkuzi u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa' zmien sentejn mid-data tas-sentenza**.

It-Tribunal già kellu diversi okkazzjonijiet fejn ikkonsidra l-validità u legittimità ta' decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta talba ghall-hrug jew tigdid ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(v) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-applikant f'sede kriminali jkun gie liberat bil-kondizzjoni li jikkommettix reat iehor ghal perijodu ta' zmien stabbilit ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta[14], u f'dan il-kaz ukoll itenni li f'tali cirkostanza r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa guridikament zbaljat in kwantu bbazat fuq interpretazzjoni skorretta w arbitrarja ta' l-import guridiku tal-liberazzjoni kondizjonata kontemplata fl-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal darb' ohra jigi osservat illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-liberazzjoni bla kondizzjoni jew kondizzjonata ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, qatt ma tista' tigi kkunsidrata u titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija u dana billi l-Artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation, ossia l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, specifikatament jipprovdi li *bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment <u>ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun</u>[15], minbarra – (a) il-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-kaz ta'*

---

[13] Fol. 31 sa' 33 tal-process.
[14] Anton Mario Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 267/11 deciza fis-26 ta' April 2012 [appell pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)], Daniel Farrugia v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 274/11 deciza fil-11 ta' Gunju 2012 u Carl Grima v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 265/11 deciza fil-25 ta' Settembru 2012.
[15] Sottolinear tat-Tribunal.

*ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat... .* In oltre l-Artikolu 25(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' htija ta' hati li jitqieghed taht probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi* <u>*ghandha f'kull kaz tigi mwarrba ghall-finijiet ta' kull ligi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilita jew xi piena ohra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' htija.*</u>

Fid-dawl ta' dan ghalhekk, u partikolarment fid-dawl ta' dak dispost fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 25 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi bir-rifjut tat-talba tar-Rikorrent il-Kummissarju tal-Pulizija effettivament qed jipprekludih u jiskwalifikah milli jkollu Licenzja ta' Gwardjan Privat, jirrizulta li fil-kaz in ezami s-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tar-Rikorrent fl-24 ta' Marzu 2011, qatt ma setghet twassal lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jikkonkludi li t-talba tieghu ghat-tigdid tal-Licenzja ta' Gwardjan Privat kellha tigi rifjutata in bazi ghall-Artikolu 10(a)(v) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal din ir-raguni d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-Licenzja ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(v) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta hija zbaljata u bhala tali ghandha tigi revokata.

Nonostante dan però jonqos li jigi determinat jekk ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jgedded il-Licenzja ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent ukoll in bazi ghall-interess pubbliku – ossia l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta – huwiex gustifikat o meno.

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda tar-Rikorrent[16] u ta' missieru Taddeo Cassar[17] kif ukoll mill-

[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2012, fol 23 u 24 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2012, fol 25 u 26 tal-process.

affidavit ta' l-Ispettur Fabian Fleri[18], jirrizulta li l-incident li sehh fit-12 ta' Mejju 2010 u li ghalih ir-Rikorrent tressaq il-Qorti sehh b'konsegwenza ta' tensjonijiet bejn ir-Rikorrent u l-familja tieghu u Clinton Grech u Adrea Celeste Scalpello u l-familji taghhom. Di fatti l-Ispettur Fleri fl-affidavit tieghu ddikjara li *dak iz-zmien il-familji Scalpello u Cassar kellhom l-inkwiet nascenti minn kawza civili*. Ghalkemm dan il-fatt ma jiskuzax l-agir tar-Rikorrent u l-Pulizija Ezekuttiva gustament ipprocedew fil-konfront tieghu, fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent ma ghandux minhabba f'dan l-incident jitqies bhala persuna li ma ghandux karattru affidabbli u b'hekk mhux idoneju biex ikollu u jzomm licenzja ta' Gwardjan Privat.

Mill-provi prodotti mir-Rikorrent jirrizulta li apparte dan l-incident – li kif già osservat kien konness ma' kwistjonijiet privati tieghu - huwa qatt ma kellu problemi ohra mal-Pulizija u lanqas qatt ma kellu problemi fuq xogholu ta' Gwardjan Privat. Prova ferm importanti fil-kuntest ta' l-affidabilità w idonejtà tar-Rikorrent bhala Gwardjan Privat tirrizulta mix-xhieda li tat Marisa Vella waqt is-seduta tas-26 ta' April 2012[19] fejn iddikjarat illi *jiena impjegata mal-G4S. Lir-rikorrent nafu peress li kien ghamel zmien jahdem hemmhekk is-sena l-ohra. Ir-rikorrent kien ghamel madwar sitt gimghat jew seba' gimghat jahdem mieghi fl-emergenza ta' l-Isptar Mater Dei. Tul il-perijodu li Jonathan ghamel jahdem mieghi jiena nafu bhala persuna li dejjem ikellem lil kulhadd u jaghmel xogholu sew. Fil-fatt wara ftit gimghat kienu tellugh fir-response team fl-isptar stess, madanakollu min kun fir-response team, ikollu responsabbiltà aktar milli jkollna ahna s-security l-ohrajn. Tul iz-zmien li dam jahdem mieghi, Jonathan qatt ma kellu xi jghid ma hadd u qatt ma kellu attudini arroganti. Minn barra x-xoghol jiena qatt ma smajt li Jonathan huwa persuna li jaqla' l-glied u inkwiet anzi n-nies ifittxuh bhala persuna ta' katarttru tajjeb hafna. Is-shifts tieghi fl-isptar kienu jkunu ta' tnax-il siegha u ma kienx ikun l-ewwel darba li kont niltaqa' mar-rikorrent fuq ix-xoghol peress li konna nahdmu l-istess shift. Ahna konna nahdmu sitt ijiem*

[18] Dok. "FF1" a fol. 35 tal-process.
[19] Fol. 27 tal-process.

*fil-gimgha u l-maggor' parti ta' dawn il-granet kont inkun mar-rikorrent*.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda moghtija minn persuna li taf lir-Rikorrent u ta' spiss kienet tkun mieghu fuq il-post tax-xoghol, it-Tribunal difficilment jista' jaqbel mal-konkluzzjoni raggunta mill-Kummissarju tal-Pulizija li r-Rikorrent ma huwiex ta' karattru affidabbli u ghalhekk huwa fl-interess pubbliku li ma jkollux u ma jzommx Licenzja ta' Gwardjan Privat.

Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2011[20] l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi spjegat ir-ragunament tal-Kummissarju tal-Pulizija wara d-decizjoni tieghu li jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-Licenzja ta' Gwardjan Privat u ddikjarat li: *Jonathan Cassar kien ammetta li kkaguna hsara fuq proprjetà ta' haddiehor, li kien ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq persuna ohra u li kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza u hedded lil zewg persuni u li volontarjament kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied. Huwa importanti li jinghad li Jonathan Cassar wettaq dawn ir-reati meta digà kien licenzjat bhala gwardjan privat u ghalhekk kellu jkun aktar konxju ta' l-imgieba tieghu. Wara li gara dan, apaprti li hemm bazi ghar-rifjut fl-Artikolu 10(a)(v) peress li wettaq reat kontra l-persuna u kontra l-proprjetà, l-applikazzjoni saret fi zmien hames snin mid-data ta' tali reat. B'hekk inhass li t-tigdid ghandu jigi rifjutat minhabba l-interess pubbliku u dan peress li Jonathan Cassar wera li mhux bniedem ta' karattru affidabbli.* It-Tribunal però ma jara ebda fil logiku bejn il-konstazzjonijiet maghmula mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-konkluzzjoni minnu raggunta li ma huwiex fl-interess pubbliku li l-Licenzja ta' Gwardjan Privat tar-Rikorrent tigi imgedda, u difficilment jista' jifhem kif il-Kummissarju effettivament wasal ghal tali konkluzzjoni.

Ma hemmx dubju li fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ghal talba ghall-hrug jew tigdid ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat, il-Kummissarju tal-

[20] Fol. 38 u 39 tal-process.

Pulizija ghandu jezercita d-diskrezzjoni tieghu u fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li *a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*[21]*.* Fis-sentenza **Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li: *it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red-haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[22] Fil-ktieb Administrative Law jinghad illi *this has become the most frequently cited passage (though most commonly cited only by its nickname) in administrative law. It explains how 'unresonableness' in its classic rule of reason formulation, covers a multitude of sins. These various errors commonly result from paying too much attention to the mere words of the Act and too little to its*

---

[21] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[22] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.

*general scheme and purpose, and from the fallacy that unrestricted language naturally confers unfettered discretion. The rule of reason has thus become a generalised rubric covering not only sheer absurdity or caprice, but merging into illegitimate motives and purposes, a wide category of errors commonly described as 'irrelevant considerations', and mistakes and misunderstandings which can be classed as self-misdirection, or addressing oneself to the wrong question*[23].

Fil-kaz in ezami t-Tribunal mhux qed jghid li l-Kummissarju tal-Pulizija agixxa b' *mala fede* fil-konfront tar-Rikorrent, xejn affattu izda, fermament jemmen li l-Kummissarju ma ezercitax id-diskrezzjoni tieghu b'mod ragjonevoli ghaliex altrimenti cert li ma kienx jasal ghall-konkluzzjoni ghal kollox zbaljata li ma huwiex fl-interess pubbliku li tigi mgedda l-Licenzja ta' Gwardjan Privat tar-Rikorrent.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li, salv ghat-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrent, l-istess Rikorrent huwa gustifikat f'li jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jgeddidlux il-Licenzja ta' Gwardjan Privat stante li hija manfiestament ingusta w irragjonevoli. Konsegwentment ghalhekk jirrizulta li l-Appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-17 ta' Novembru 2011 jisthoqq li jigi milqugh u l-istess decizjoni revokata, u l-licenzja tieghu ta' Gwardjan Privat imgedda.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-Appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-17 ta' Novembru 2011 in kwantu bbazat fuq l-ewwel u tielet aggravji minnu sollevati, jirrevoka l-istess imsemmija decizjoni u jidderigi lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jgedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat tar-Rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

---

[23] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303 u 304.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------